**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT 133/19/B

Maria Sciberras

Vs

Adrian Bonavia - Bonavia Woodworks

Illum, 27 t'Awwissu, 2021

It-Tribunal:

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fl- 4 ta' Ottubru, 2019 li permezz tieghu talbet rifuzjoni tal-prezz fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin Euro (€25) rapprezentanti stima ta' xoghol riparatorju fuq purtella zghira ta' bieb;

Ra illi s-socjeta' intimata, rapprezentatha mill-intimat Adrian Bonavia, intavola ir-risposta tieghu bil-miktub ghal din it-talba u attenda ghas-seduta tal- 1 ta' Marzu, 2021 quddiem it-Tribunal, fejn stqarr illi minkejja li offra li jsewwi l-hsara in kwistjoni diversi drabi, kien hemm disgwid rigward il-metodu tat-tiswija hekk propost mill-istess intimat;

Ra l-Atti tal-process;

Semgha x-xhieda tar-rikorrenti Maria Sciberras, illi tispjega kif wara li saru xi tiswijiet fuq il-pannewwijiet tal-bieb ftit tax-xhur biss wara li tpogga l-bieb, gara li l-purtella z-zghira tal-bieb giet tahbat mas-sallatura tal-bieb b'tali mod li taghmilha difficli li biex tinfetah u tinghalaq l-istess purtella. Hija tistqarr li minkejja li l-intimat offra li jsewwi x-xoghol, ir-rikorrenti ma qablitx mal-metodu tat-tiswijiet kif propost mill-intimat minhabba li temmen li tali tiswija tkun biss temporanja. Tghid li minkejja li pruvat diversi drabi tilhaq kompromess mal-intimat fuq it-tiswijiet hekk kif tixtieqhom hija, dan irrifjuta. Ghaldaqstant, ir-rikorrenti tipproponi li wara li tinqala' l-purtella in kwistjoni, din tigi xkatlata jew inkella incanata sabiex din tickien u ma tibqax tahbat mas-sallatura u finalment tigi sprejjatha. Hija taghlaq ix-xhieda taghha billi tghid illi sejra tressaq stima tax-xoghol in kwistjoni, liema stima filfatt giet immarkatha bhala Dok MS1.

Semgha x-xhieda tas-socjeta' intimata, hekk rapprezentatha mill-intimat Adrian Bonavia, fejn jistqarr li minkejja li r-rikorrenti tghid li l-intimat naqas milli jaghti widen ghall-ilment taghha, dan mhuwiex minnu ghar-raguni li t-tiswijiet fuq il-pannewwijiet saru kif suppost, hekk kif juru Dok 1 u Dok 2, ipprezentati mill-istess intimat. Jghid kif huwa offra diversi

drabi li jsewwi l-purtella, u li sahansitra talabha ttih data u hin ghall-kumdita taghha izda din irrifjutat. L-intimat ikompli jispjega kif ir-rikorrenti minkejja li hija koperta bil-ligi, qed iggieghlu jiffirma dokument hekk ippreparat minnha bhala garanzija fuq hsara li jista' jinqalalu l-bieb fil-futur. Ghalkemm skont ir-rikorrenti, l-intimat injoraha meta talbitu biex tara x-xoghol maghmul fuq il-pannewijiet qabel jigi sprejjat, huwa jispjega kif minhabba li l-isprejer kellu hafna xoghol, jekk ried li l-bieb isir fil-hin, l-istess intimat kellu johodlu l-bieb f'hin partikolari, liema hin kien jahbat mal-hin tax-xoghol tar-rikorrenti. Ghaldaqstant, l-intimat jistqarr li t-talba tar-rikorrenti mhijiex accettabli minhabba li ghalkemm huwa offra li jsewwi l-hsara, kienet ir-rikorrenti li irrifjutat li jsir it-tali xoghol hekk kif propost minnu.

Ra d-Dokumenti esebiti bhala Dok MS 1 li juri stima tax-xoghol riparatorju fuq il-purtella. Dokument iehor esebit huwa dak immarkat bhal Dok 1 li juri l-bieb in kwistjoni qabel sar ix-xoghol fuq il-pannewwijiet u Dok 2 li juri l-bieb kif inhu issa bil-pannewwijiet godda. L-ahhar dokument jikkonsisti f'sensiela ta' *emails* mibghuta mir-rikorrenti lill-intimat, liema emails juru wkoll d-dokument li r-rikorrenti riedet li l-intimat jiffirma bhala garanzija fuq hsara futura.

Ikkunsidra:

Illi wiehed irid jikkunsidra illi ghalkemm il-bieb ilu li tpoggha f'postu madwar tlett snin, dan kellu jigi imsewwi diversi drabi;

Illi minkejja li huwa minnu li x-xoghol fuq il-pannewwijiet sar u llum dawn huma godda, kien biss meta twahhlu l-pannewwijiet il-godda li l-purtella z-zghira tal-bieb in kwistjoni ma baqghetx tinfetah u tinghalaq facilment;

Illi minkejja li huwa minnu li l-intimat offra diversi drabi li ssir it-tiswija mehtiega fuq il-purtella in kwistjoni, ir-rikorrenti ma qablitx mal-metodu hekk propost mill-intimat ta' kif ghandu jsir ix-xoghol minhabba li tibza' li tiswija maghmula skont il-metodu propost mill-intimat tkun biss temporanja;

Illi meta wiehed jikkonsidra li l-bieb huwa prattikament gdid, ix-xoghol hekk rikest ghandu jsir kif suppost u b'mod li jkun permanenti. Pero t-Tribunal jinnota ukoll illi din il-kawza saret biss Ghal twisja ta' hamsa u ghoxrin Euro (€ 25) u b'hekk il-hsara lamentata hija Wahda minima;

Illi dan it-Tribunal wara li sema' l-provi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti ma ghandux dubju illi l-verzjoni tar-rikorrenti hija verosimili u ghalhekk haqqha tigi milqugha.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi dan l-avviz, ghar-ragunijiet fuq spjegati billi jilqa t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' hamsa u ghoxrin Euro (€25).

Bl-ispejjez tal-proceduri jinqasmu bejn il-partijiet ugwalment.

Avv. Paul Borg
Arbitru